# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 914/22/1 AB**

**Joseph Muscat**

**v.**

**Francis Muscat, Carmel Muscat u Jonathan Muscat u b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2023 ġiet kjamata fil-kawża Carmela Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti kollha minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha: (i) ġiet imsejħa fil-kawża Carmela Muscat; u (ii) ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tal-attur taħt l-**Artikolu 1790 tal-Kodiċi Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-7 ta' Ottubru, 2022, l-attur Joseph Muscat fisser li b'kuntratt tat-22 ta' Frar, 2016, hu ta b'donazzjoni lill-uliedu (il-konvenuti Francis, Carmel u Jonathan aħwa Muscat), in-nofs mhux maqsum tad-dar numru 82, bl-isem, '*Madoninna',* fi Triq Caravaggio, Ħal Għargħur u tal-garaxx numru 80 li jagħmel mal-istess dar. In-nofs mhux maqsum l-ieħor tad-dar u tal-garaxx ġie trasferit ukoll bl-istess kuntratt ta' donazzjoni lit-tliet konvenuti, minn Carmela Muscat, li hija legalment mifruda mill-attur.

3. L-attur jgħid li dan il-kuntratt ta' donazzjoni huwa suġġett għal għadd ta' kundizzjonijiet fosthom: (i) li dan il-ġid kellu jiġi żviluppat fi blokka ta' appartamenti, bi spejjeż għall-konvenuti; (ii) li malli jitlesta dan l-iżvilupp, l-attur Joseph Muscat u Carmela Muscat kellhom jingħataw id-dritt ta' abitazzjoni ta' appartament kull wieħed, bil-patt u l-kundizzjoni li jekk xi ħadd minnhom jiġi fil-bżonn finanzjarjament bħal pereżempju minħabba raġunijiet ta' manteniment jew ta' saħħa, dan l-appartament għandu jinbiegħ u r-rikavat imur għand dik il-persuna li tkun għexet fih; (iii) li l-attur Joseph Muscat għandu jingħata d-dritt għal għomru li jgħix ġol-*penthouse* fl-istess blokka, li magħha hemm inkluż garaxx, filwaqt li Carmela Muscat għandu jingħatalha l-jedd li tgħix għal għomorha f'wieħed mill-mezzanini li se jkun hemm fil-blokka; u (iv) li din il-*penthouse*

u dan il-mezzanin kellhom jiġu mlestija minn kollox mill-konvenuti.

4. Ikompli billi jgħid li b'ittri legali u b'ittra uffiċjali huwa għarraf lill-konvenuti bis-sitwazzjoni medika u prekarja tiegħu, li ma kinitx tħallih joqgħod għal aktar minn ftit minuti fuq saqajh. Għalhekk huwa talabhom għall-manteniment u għall-għajnuna personali. Minkejja li jisħaq li huwa tkarrbilhom għal din l-għajnuna, tali għajnuna baqgħet ma waslitx. Skont l-attur dan l-aġir irresponsabbli tal-konvenuti jmur kontra d-dmir u l-obbligi tal-konvenuti li jinsabu mnissla mil-liġi u mill-kuntratt ta' donazzjoni.

5. Billi l-attur jidhirlu li huwa għandu jedd li jitlob it-tħassir tad-donazzjoni minħabba ingratitudni skont l-**Artikolu 1787(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat, il-konvenuti aħwa Muscat ma wettqux u mhux qegħdin iwettqu l-obbligu tagħhom ta' wlied u donatarji kif tirrikjedi l-liġi;*
>
> *2. Konsegwentement tħassar, tirexxindi u tannulla l-kuntratt ta' donazzjoni datat tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-atti tan-Nutar Dottoressa Maronia Fenech fir-rigward tal-konvenuti;*
>
> *3. Tappunta Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexissjoni u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;*
>
> *4. Tagħti dawk il-provvedimenti relattivi u opportuni li l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti inkluż dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 62/2022 u 3569/2022 li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.»*

6. Il-konvenuti aħwa Muscat wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fil-11 ta' Novembru, 2022 u qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju billi din l-azzjoni għar-rexxisjoni ta' kuntratt ma saritx mid-donaturi solidali kollha u fi kwalunkwe każ l-attur ma jistax imexxi waħdu għar-rexissjoni ta' donazzjoni;*
>
> *2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-azzjoni hija monka stante t-trapass tal-perjodu ta' dekadenza ta' sena skont l-Art. 1790 tal-Kap. 16 billi l-fatt li d-donatur ġab kontra d-donatarju jmur lura ferm aktar minn sena;*
>
> *3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi inkwantu din il-kawża hija msejsa fuq l-Art. 1787(ċ) tal-Kap. 16, ma jeżistux il-massimi tal-ingratitudni tant li l-esponenti qatt ma ċaħdu għajnuna u fi kwalunkwe każ l-attur qatt ma resaq sabiex jiġi miftiehem jew likwidat il-manteniment;*
>
> *4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-attur mhuwiex fil-bżonn u wisq anqas fi bżonn urġenti;*
>
> *5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*
>
> *6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'digriet mogħti fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ordnat li għalissa kellhom jinstemgħu provi u jiġu deċiżi biss l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

8. B'sentenza parzjali mogħtija fit-8 ta' Ġunju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti billi ordnat li Carmela Muscat tiġi msejħa fil-kawża, iżda ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tagħhom dwar id-dekadenza tal-azzjoni tal-attur taħt l-**Artikolu 1790 tal-Kodiċi Ċivili**. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*«Joseph Muscat u martu Carmela Muscat, it-tnejn pensjonanti u fl-età ta' 68 sena, iddeċidew li jisseparaw wara 47 sena żwieġ. Kellhom erba' wlied – tliet subien u tifla. Fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-20 ta' Novembru 2015 ftiehmu li d-dar matrimonjali fil-Għargħur, kompriża fil-komunjoni tal-akkwisti, kellha tiġi ttrasferita lis-subien li kellhom inter alia jwaqqgħuha, jibnu blokk ta' appartamenti minflokha, jagħtu lill-ġenituri d-dritt tal-abitazzjoni ta' appartament kull wieħed, bil-kundizzjoni li jekk xi ħadd minnhom jiġi fil-bżonn, pereżempju għal raġunijiet ta' manteniment jew ta' saħħa, jinbiegħ dak il-post speċifiku u r-rikavat imur għand dik il-parti li tkun għexet fih (Para. 9(ċ) tal-kuntratt tas-separazzjoni a fol 16). Dan il-ftehim twettaq permezz ta' att ta' donazzjoni tat-22 ta' Frar 2016. Is-subien waqqgħu d-dar u bnew l-appartamenti. Il-missier ingħata l-penthouse u garaxx filwaqt li l-omm ingħatat maisonette fl-istess blokka (Ara para (ċ) fil-kuntratt ta' donazzjoni a fol 9).*

*Il-missier żviluppatlu kundizzjoni medika li ma tippermettilux joqgħod għal iktar minn ftit minuti fuq saqajh. Talab l-assistenza finanzjarja mingħand uliedu.*

*Permezz tar-rikors maħluf tiegħu, il-missier qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li wliedu s-subien ma wettqux l-obbligi tagħhom ta' wlied u donatarji kif trid il-liġi li jagħtuh manteniment xieraq u għalhekk tħassar il-kuntratt tad-donazzjoni.*

*Il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.*

*L-ewwel eċċezzjoni hi li l-omm ma ddaħħlitx fil-kawża u għalhekk hemm in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju għaliex hija kienet ko-donatarja solidali mal-attur u fi kwalunkwe każ l-attur ma jistax imexxi waħdu għar-rexissjoni tad-donazzjoni. L-attur qiegħed jitlob ir-rexissjoni tad-donazzjoni kollha kemm hi u mhux għar-rigward ta' sehmu. Li jfisser li qiegħed jitlob ukoll il-ħall tal-parti li ġiet iddonata minn martu. Kjarament din l-azzjoni ma jistax jagħmilha waħdu imma hemm bżonn il-parteċipazzjoni ta' martu. F'dan ir-rigward, is-solidarjetà mhix rilevanti.*

*Il-Qorti tinnota li għalkemm fil-premessi tar-rikors maħluf l-attur beda billi jiċċita l-**klawsola li tiffakoltizza l-bejgħ tal-penthouse** li tagħha żamm id-dritt tal-abitazzjoni, ma strieħx fuq din il-klawżola iżda kompla billi jallega l-ingratitudni u pproċeda b'mod radikali billi talab ir-rexissjoni tal-kuntratt abbażi tal-allegata ingratitudni. Għalhekk huwa mhuwiex qiegħed jistrieħ fuq l-imsemmija klawsola – f'liema każ ma jidhirx li kien ikun hemm ħtieġa tal-preżenza ta' martu fil-kawża, għaliex ma kinitx sejra tiġi effettwata – imma qiegħed jattakka d-donazzjoni nnifisha.*

*La l-attur u lanqas il-konvenuti ma talbu l-kjamat fil-kawża ta' Carmela Muscat. Madanakollu, kif ġie deċiż drabi oħra, meta l-Qorti tagħraf il-ħtieġa tas-sejħa fil-kawża, tista' u anzi għandha tagħmel dan ex officio*

*billi d-diskrezzjoni tagħha ssir dover (**Anthony Grech v. Kaptan Patrick Vella** 22.04.1974 Qorti tal-Kummerċ). «Dan dejjem għall-iskop affermat "di integrare il procedimento coll'aggiunta dell'individuo che si riconosce avere interesse nello stesso"» (**Carmelo Zebra Scicluna v. Antonio Zebra Scicluna** 21.01.1919 Qorti tal-Kummerċ, iċċitata f'**Vincent Agius v. Mario Borg** 28.03.2002 minn din il-Qorti kif ippreseduta mill-Onor. Imħ. Philip Sciberras).Għalhekk din il-Qorti sejra ssejjaħha fil-kawża.*

*It-tieni eċċezzjoni hija waħda ta' dekadenza skont l-Art. 1790 tal-Kodiċi Ċivili. Is-subart. (1) ta' dan il-provvediment jaqra hekk:*

> *«It-talba għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma tistax issir ħlief sa żmien sena minn dakinhar tal-fatt li d-donatur iġib kontra d-donatarju, jew minn dakinhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt.»*

*Permezz tat-tielet eċċezzjoni, il-konvenuti jsostnu li «ma jeżistux il-massimi tal-ingratitudni tant li l-esponenti qatt ma ċaħdu għajnuna u fi kwalunkwe każ l-attur qatt ma resaq sabiex jiġi miftiehem jew likwidat il-manteniment.» It-tieni eċċezzjoni mhix kompatibbli mat-tielet waħda. Ma jistax ikun li l-eċċipjenti jallegaw li skadiet sena minn meta kien hemm ingratitudni u fl-istess nifs jaħilfu li ingratitudni ma kienx hemm. Huwa minnu li l-konvenuti għandhom il-privileġġ li jistgħu jressqu difiżi alternattivi, u wkoll subordinati għal xulxin, iżda ma jistgħux jagħmlu difiżi bbażati fuq fatti kontradittorji, minnhom maħlufa. Kif wissiet l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re: **Parnis v. Cucciardi**:*

> *«Għalkemm huwa minnu li fi proċeduri bil-miktub f'materja ta' eċċezzjonijiet teżisti l-possibiltà li l-eċċipjent jissolleva eċċezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jagħmel dan "bla preġudizzju", b'danakollu xorta waħda jibqa' dmir tal-parti eċċipjenti li tara li f'dak li hija tkun qiegħda tasserixxi bil-ġurament per via ta' eċċezzjoni ma jkunx hemm ħwejjeġ li huma manifestament kunfliġġenti. Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'ċerta teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impunement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi strataġemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-ġustizzja» (**Gabriel Parnis v. Joseph Cucciardi** 16.04.2004 Qorti tal-Appell (S.T.O. Vincent DeGaetano, Onor. J.D. Camilleri, Onor. Joseph A. Filletti).*

*Anke kieku kellha l-Qorti tammetti t-tieni eċċezzjoni, xorta ma tistax tirnexxi, għaliex il-konvenuti ma stabbilewx id-data li minnha kellu jiddekorri t-terminu dekadenzjali. Il-konvenuti huma obbligati jippruvaw l-eċċezzjoni tagħhom, għax fir-rigward tagħha jitqiesu atturi (**Maria Zammit v. Laurence James Cappello** 19.11.1962 Qorti tal-Appell (Profs. Sir. Anthony Mamo, Onor. A.J. Montanaro Gauci, Onor. William Harding) XLVI.i.372). Għalhekk il-piż tal-prova tad-dekorrenza tat-terminu, inkluż għalhekk il-prova tad-data ta' meta beda jiddekorri,*

> *jaqa' fuq spallejn il-konvenuti. Verament, lanqas jistgħu jagħmlu dan, għaliex huma stess stqarrew bil-ġurament tagħhom li qatt ma ċaħdu t-talbiet ta' missierhom għall-manteniment.»*

9. B'digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru, 2023 (ara paġni 151 sa 152 tal-atti tal-kawża), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat permess lill-konvenuti aħwa Muscat taħt l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex ikunu jistgħu jappellaw minn din is-sentenza parzjali.

10. Il-konvenuti aħwa Muscat appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-3 ta' Novembru, 2024, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li l-Ewwel Qorti naqset milli timxi mal-proċedura msemmija fl-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** meta minn jeddha qajmet il-kwistjoni li t-tieni eċċezzjoni tagħhom tmur kontra dak imniżżel fit-tielet eċċezzjoni tagħhom; (ii) li mhux minnu li t-tieni eċċezzjoni tagħhom dwar id-dekadenza tal-azzjoni tal-attur ġiet newtralizzata bit-tielet eċċezzjoni tagħhom fejn qalu li ma jeżistux l-estremi tal-ingratitudni sabiex tiġi mħassra d-donazzjoni; u (iii) li mhux minnu li l-konvenuti ma stabbilixxewx id-data minn meta telqet is-sena għall-għanijiet tal-**Artikolu 1790 tal-Kodiċi Ċivili**;

11. L-attur wieġeb għal dan l-appell fl-20 ta' Diċembru, 2023, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. Min-naħa l-oħra, l-imsejħa fil-kawża Carmela Muscat għalkemm ġiet notifikata bir-rikors tal-appell, hija għażlet li ma twieġibx għalih.

12. B'digriet mogħti fl-24 ta' Jannar, 2024, din il-Qorti bit-tħaddim tal-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** appuntat l-appell għas-smigħ sabiex tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

13. Inżamm smigħ fil-11 ta' April, 2024, u wara li din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, hija ħalliet l-appell sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom il-konvenuti appellanti jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti qajmet minn jeddha l-kwistjoni dwar l-inkompatibilità tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħhom, bla ma mxiet ma' dak li jgħid l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

15. Dan l-artikolu tal-liġi msemmi mill-konvenuti appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom jaqra hekk:

> *«732A. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti lill-qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta' digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti.»*

16. Il-konvenuti appellanti jsostnu li l-attur appellat fl-ebda waqt tal-kawża ma semma li t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tar-risposta maħlufa, ma jistgħux joqogħdu flimkien. Jistqarru li l-kwistjoni marbuta mal-kunflitt ta' eċċezzjonijiet hija waħda ta' ordni pubbliku, li l-Ewwel Qorti setgħet tqajjem *ex officio.* Itennu però li kwistjoni bħal din, ma setgħetx titqajjem *ex officio* fis-sentenza tagħha, iżda jekk xejn kellha titqajjem, wara li l-partijiet jiġu avżati b'dik il-kwistjoni skont il-proċedura msemmija fl-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ħalli b'hekk il-partijiet mhux biss ma jiġux maħsuda b'dik il-kwistjoni, iżda jkollhom l-opportunità wkoll li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom dwarha.

17. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju ma huwa mistħoqq xejn.

18. Ibda biex, l-**Artikolu 732A** jinsab fis-**Subtitolu I** ta' **Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** msejjaħ «***Fuq l-Eċċezzjonijiet In Ġenerali***». Dan is-subtitolu tal-liġi, li fih biss sitt artikoli, jibda billi jistabbilixxi r-regola ġenerali li l-eċċezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-mertu għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Imbagħad l-istess subtitolu jkompli billi jfisser kif u f'liema ċirkostanzi jistgħu jitressqu eċċezzjonijiet oħra li ma jkunux sabu posthom fir-risposta maħlufa.

19. Il-Qorti qiegħda tifhem li bil-kelma «*eċċezzjonijiet*» f'dan is-

subtitolu, il-liġi qiegħda titkellem dwar il-linji difensjonali ta' bixra dilatorja u perentorja li wieħed jista' jressaq sabiex dak li jkun jilqa' u jopponi għat-talbiet li jkunu saru f'rikors maħluf jew f'kontrotalba. Ifisser għalhekk li l-eċċezzjonijiet *ex officio* li qiegħed jirreferi għalihom l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huma dawk l-eċċezzjonijiet li huma maħsuba li joqtlu, joħonqu jew jitfu t-talbiet miġjuba fir-rikors maħluf tal-attur jew fil-kontrotalba tal-konvenut.

20. Tassew il-liġi trid li Qorti m'għandha qatt taħsad lill-attur billi tiċħadlu t-talbiet tiegħu minħabba raġunijiet li ma jkollhom x'jaqsmu xejn, la mal-elementi u mal-ħtiġijiet legali li jsawru l-azzjoni mibdija minnu u lanqas mal-eċċezzjonijiet li jkun qanqal il-konvenut fil-kawża. Jekk il-Qorti jidhrilha li hemm kwistjoni serja u rilevanti li ma ġiet diskussa qatt fil-kawża, li għandha mnejn tolqot ħażin it-talbiet attriċi, u li la tifforma parti mill-elementi legali li l-attur irid jipprova biex jirnexxi fl-azzjoni magħżula minnu u lanqas ma tifforma parti mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut, allura dik il-Qorti għandha d-dmir bil-liġi li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet dwar din il-kwistjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jiregolaw ruħhom dwarha, qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-ġudizzju finali tagħha (ara ***Paul Sammut et v. L-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 2024 u ***Carmela sive Carmen Tabone pro et noe et v. Francis Tabone*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024).

21. Din ir-regola misjuba fl-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** dwar l-avviż minn qabel ta' eċċezzjonijiet *ex officio* iżda tgħodd biss għall-eċċezzjonijiet li jolqtu t-talbiet tal-attur u mhux ukoll għall-argumenti li l-Ewwel Qorti ġġib fis-sentenza tagħha sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

22. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, li ebda qorti m'għandha xi obbligu bil-liġi li toqgħod tgħarraf lill-konvenut minn qabel li jista' jkun hemm problemi bil-linji difensjonali illi huwa jkun ħaddan fir-risposta maħlufa tiegħu. Tassew mhuwiex l-irwol tal-qorti li qabel is-sentenza tagħha toqgħod tiftaħ għajnejn il-konvenut li l-eċċezzjonijiet tiegħu jistgħu jkunu ma jaqblux ma' xulxin jew li l-eċċezzjonijiet tiegħu jafu jkunu ġew meruti bil-provi li jkunu ġew imressqa mill-attur jew mill-konvenut stess waqt il-kawża.

23. Il-konvenut jaf x'linji difensjonali jkun ressaq għaliex dawn ikunu ġew miktuba minnu stess fir-risposta maħlufa. Konvenut għalhekk ma jistax jistagħġeb jew jibqa' sorpriż jekk kemm-il darba qorti ssib fis-sentenza finali tagħha li eċċezzjoni tiegħu ma tkunx tista' tintlaqa' minħabba li din tkun ġiet newtralizzata b'eċċezzjoni oħra li tkun ġiet imressqa minnu. Huwa naturali li wieħed jistenna li qorti għandha tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut fid-dawl ta' kif dawn ikunu ġew miktuba fir-risposta maħlufa.

24. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, il-konvenuti appellanti

mhumiex siewja fl-ilment tagħhom li l-Ewwel Qorti ma setgħetx fis-sentenza tagħha tiddikjara li huma rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni mibdija tal-attur minħabba l-mod ta' kif huma ressqu t-tielet eċċezzjoni.

25. F'din il-konklużjoni tagħha, l-Ewwel Qorti ma qajmet l-ebda eċċezzjoni *ex officio* iżda interpretat biss iż-żewġ linji difensjonali mqanqla minnhom u waslet għall-fehma tagħha li t-tieni eċċezzjoni ma tistax tirnexxi minħabba dak li huma qalu fit-tielet eċċezzjoni.

26. Issa jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun tgħid li t-tieni eċċezzjoni ġietx rinunzjata mill-konvenuti minħabba dak li huma qalu fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, hija xi ħaġa li din il-Qorti trid taraha waqt l-istħarriġ tat-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti. Li qiegħda tgħid għalissa din il-Qorti f'dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti, huwa biss li l-konvenuti appellanti mhumiex fejjieda meta jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tavżahom minn qabel, skont l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li t-tieni eċċezzjoni tagħha kienet f'kunflitt mat-tielet eċċezzjoni tagħha.

27. L-ewwel aggravju tal-konvenuti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

28. Ngħaddu issa biex inqisu t-**<u>tieni aggravju</u>** tal-konvenuti appellanti dwar jekk hemmx inkonsistenza bejn it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-

konvenuti.

29. Bħala introduzzjoni għal dan l-aggravju, tajjeb li jingħad skont l-**Artikolu 1785 tal-Kodiċi Ċivili**, donazzjoni tista' tiġi mħassra minħabba ingratitudni. Huwa dmir ta' min jirċievi xi ħaġa b'donazzjoni (id-donatarju) li ma jkunx kiefer jew qalbu iebsa ma' min ikun tah dik id-donazzjoni (id-donatur). It-tħassir tad-donazzjoni hija għalhekk il-kastig li jkun ħaqqu jieħu dak id-donatarju talli ma jkunx wera li jaf irodd ħajr lid-donatur tiegħu.

30. Huwa naturali li l-ingratitudni trid tkun waħda gravi biex twassal għat-tħassir tad-donazzjoni. F'dan ir-rigward il-liġi tagħna, fl-**Artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili** tistabbilixxi l-każijiet kollha li fihom id-donazzjoni tista' tiġi mħassra minħabba ingratitudni.

31. Din il-lista hija waħda tassattiva li ma tistax tiġġebbed għaliex l-**Artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid ċar u tond li, «*Id-donazzjoni ma tistax titħassar minħabba ingratitudni, <u>ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin</u>.*» Ifisser għalhekk li sitwazzjonijiet oħra, serji kemm ikunu serji, li mhumiex imniżżla f'din il-lista ma jikkostwixxux ingratitudni skont il-liġi, li fuqhom donatur jista' jitlob it-tħassir tad-donazzjoni. Jidher ċar li l-liġi tagħha ma riditx tħalli din il-kwistjoni tar-revoka tad-donazzjoni minħabba ingratitudni fid-diskrezzjoni tad-donatur. Wara kollox, wieħed irid iżomm f'moħħu hawnhekk li t-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni hija l-

eċċezzjoni għar-regola ġenerali dwar l-irrevokabbiltà tad-donazzjonijiet.

32. Kif ingħad kmieni, it-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni huwa kastig fuq id-donatarju talli dan ikun ġab ruħu ħażin mad-donatur. Minħabba f'hekk, f'każ ta' ingratitudni, id-donatur huwa ħieles li jew jitlob li d-donatarju jeħel il-kastig tat-tħassir tad-donazzjoni jew inkella li jaħfirlu. Żgur però li d-donazzjoni ma tistax tiġi mħassra fuq ir-rieda biss tad-donatur. Kemm hu hekk skont l-**Artikolu 1788 tal-Kodiċi Ċivili** t-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma jsir qatt *ipso jure*.

33. Fil-każ tagħna jirriżulta mir-rikors maħluf, li l-attur sejjes l-azzjoni tiegħu għat-tħassir tad-donazzjoni tat-22 ta' Frar, 2016 minħabba ingratitudni fuq il-bażi tal-**Artikolu 1787(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, li jaqra hekk:

> *«1787. Id-donazzjoni ma tistax titħassar minħabba ingratitudni, ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *..*
>
> *(ċ) jekk, fil-każ li d-donatur ikun fi bżonn urġenti ta' manteniment jew ta' għajnuna personali oħra, id-donatarju jiċħadlu l-għajnuna li mingħajr xkiel kbir għalih innifsu seta' jagħtih.»*

34. Il-konvenuti appellanti opponew għal din il-kawża b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Li jinteressana għall-għanijiet ta' dan l-aggravju huma biss it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħhom li huma qajmu fir-risposta maħlufa tagħhom.

35. Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti appellanti qalu li l-attur

ma jistax jissokta b'din il-kawża għaliex din saret wara s-sena msemmija fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Dan l-artikolu tal-liġi jaqra kif ġej:

> *«1790. (1) It-talba għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma tistax issir ħlief sa żmien sena minn dakinhar tal-fatt li d-donatur iġib kontra d-donatarju, jew minn dakinhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt.»*

36. Imbagħad fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti appellanti ċaħdu li jeżistu l-elementi ta' ingratitudni taħt l-**Artikolu 1787(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, li bihom ġew mixlija mill-attur. Anzi jgħidu li huma qatt ma ċaħdu li jtuh għajnuna u li f'kull każ l-attur qatt ma resaq sabiex jiftiehem magħhom dwar xi manteniment.

37. Issa l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza appellata li l-konvenuti appellanti ma setgħux fit-tieni eċċezzjoni tagħhom jgħidu, li l-azzjoni għat-tħassir tad-donazzjoni mnedija mill-attur minħabba ingratitudni taħt l-**Artikolu 1787(ċ) tal-Kodiċi Ċivili** ma setgħetx tiġi proposta għaliex din ma saritx fi żmien sena skont l-**Artikolu 1790 tal-Kodiċi Ċivili** minn meta kien hemm l-ingratitudni, u mbagħad fl-istess nifs, fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, jgħidu li ma kienx hemm ingratitudni.

38. Il-konvenuti appellanti ma jaqblux ma' dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti għaliex jgħidu li t-tieni eċċezzjoni tad-dekadenza kienet diretta lejn iż-żmien li bil-liġi suppost kellha tiġi mressqa l-kawża mill-attur, filwaqt li t-tielet eċċezzjoni tagħhom kienet diretta lejn il-fatt li huma kienu qegħdin jiċħdu li b'xi mod huma wrew xi forma ta' ingratitudni lejn l-attur. Isostnu

li ma hemm xejn kunfliġġenti f'dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, anzi jisħqu li dawn jistgħu joqogħdu flimkien.

39. Min-naħa l-oħra l-attur appellat għafas fir-risposta tal-appell tiegħu li l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma kontradittorji għaliex il-konvenuti ma jistgħux l-ewwel jgħidu li għaddiet sena minn meta twettqet l-ingratitudni u mbagħad jgħidu li huma ma wettqu l-ebda ingratitudni.

40. Mingħajr wisq tidwir mal-lewża din il-Qorti tqis li l-konvenuti appellanti għandhom raġun biex ibiegħu f'dan it-tieni aggravju tagħhom.

41. Jibda billi jingħad li t-terminu ta' sena msemmi fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex donatur jissokta b'kawża għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni huwa wieħed ta' dekadenza u mhux wieħed ta' preskrizzjoni.

42. Ġeneralment biex wieħed jagħraf jekk terminu huwiex ta' dekadenza jew ta' preskrizzjoni, wieħed irid iħares lejn kif il-leġislatur jiddeskrivi dak it-terminu fit-test tal-liġi. Jekk il-liġi tuża' l-kelma preskrizzjoni jew kliem ieħor li jitnisslu minn din il-kelma, allura wieħed jifhem li dak it-terminu huwa regolat bil-prinċipji li jsawru l-istitut tal-preskrizzjoni; jekk min-naħa l-oħra l-liġi ma tużax il-kelma preskrizzjoni jew kliem oħra li jitnisslu minn din il-kelma, allura dak it-terminu jitqies

bħala wieħed ta' dekadenza (ara ***Anthony Buttigieg v. Brian Baldacchino et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

43. Fil-każ tal-lum il-liġi tgħid fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** li, «*t-talba għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni <u>ma tistax issir ħlief sa żmien sena</u>...*» Kliem bħal dan juri b'mod ċar li dan it-terminu ta' sena huwa wieħed ta' dekadenza, b'dana għalhekk li azzjoni ta' din is-sura tintilef darba għal dejjem jekk din ma titressaqx f'dan iż-żmien ta' sena. Huwa magħruf f'dan is-sens li kliem li jagħti x'jifhem li azzjoni tintilef jekk din ma titressaqx fi żmien speċifiku huwa indikattiv ta' termini ta' dekadenza (ara ***John Cassar v. Francesco Saverio Vella*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Jannar, 1967).

44. Meqjus li t-terminu ta' sena msemmi fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** huwa wieħed ta' dekadenza u għalhekk ta' bixra perentorja, allura dan la jista' jiġi mtawwal u lanqas jista' jiġi mġedded wara l-għeluq tiegħu. F'dan is-sens huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li terminu ta' dekadenza ma jistax jiġi miksur jew sospiż b'xi waħda mir-raġunijiet li bihom wieħed jista' jikser jew jissospendi l-preskrizzjoni (ara ***Charles Darmanin nomine v. Giuseppe Baldacchino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 1938 u ***Amer Abdelrazek v. L-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023).

45. Jeżistu riżervi jekk terminu ta' dekadenza jistax jiġi rinunzjat bħal

fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni (ara ***Rev. Pio Gauci et v. Hon. James A. Galizia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 1936). Iżda aktar qrib għaż-żminijiet tal-lum, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Peter Sammut v. Sullivan Maritime Limited*** deċiża fit-28 ta' Marzu, 2014, qalet li għalkemm huwa minnu li terminu ta' dekadenza jiġi megħlub bit-tressiq tal-kawża fiż-żmien li ssemmi l-liġi, madankollu jekk id-debitur tal-obbligazzjoni jkun għaraf id-dejn, il-kreditur ikun jista' jimxi fuq is-saħħa ta' dik l-aċċettazzjoni bħala ftehim ġdid maħluq mill-aċċettazzjoni ta' dak id-dejn.

46. Biss però biex jiġri dan, irid jirriżulta ċar u mingħajr ekwivoku li d-debitur jkun aċċetta r-responsabbiltà tiegħu, b'mod li l-azzjoni tal-kreditur tkun tista' tirnexxi anke fuq il-bażi biss ta' dik l-ammissjoni. Jekk le, skadut it-terminu għall-azzjoni, dak it-terminu ma jistax jiġġedded bħal fil-każ tal-preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, huwa biss meta l-aġir tad-debitur jista' jitqies bħala ħolqien ta' dritt ġdid, li dak li jkun jista' jaġixxi wara t-terminu msemmi fil-liġi (ara ***Joseph Testa et v. Paul Ciappara et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2015). Tali aċċettazzjoni jew għarfien irid ikun ċar, formali, espliċitu u inkondizzjonat (ara ***Joseph Zarb et v. Mira Motors Sales Ltd.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005).

47. Kontra dak li qalet l-Ewwel Qorti, fil-każ tal-lum ma jirriżultawx dawn iċ-ċirkostanzi ta' għarfien ċar, formali, espliċitu u inkondizzjonat min-naħa

tal-konvenuti appellanti. Imkien ma jirriżulta fit-tielet eċċezzjoni tagħhom li l-konvenuti appellanti kienu qegħdin jaċċettaw li huma kienu ingrati lejn l-attur. Anzi f'din l-eċċezzjoni tagħhom huma jiċħdu li huma kienu ingrati lejh kif tgħid il-liġi u saħanistra jallegaw li huma qatt ma ċaħdulu l-għajnuna. Tali eċċezzjoni għalhekk ma tistax tissarraf f'dikjarazzjoni li huma kienu qegħdin jaċċettaw li huma kienu ingrati lejn l-attur, b'mod li nħoloq ftehim ġdid bejn il-partijiet li huwa enforzabbli.

48. Kemm hu hekk l-attur mhuwiex qiegħed jibbaża din l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li l-konvenuti aċċettaw li huma kienu ingrati lejh f'għajnejn il-liġi, iżda fuq il-fatt li d-donazzjoni għandha tiġi mħassra għaliex skontu jeżistu l-estremi fil-liġi biex il-konvenuti jiġu ddikjarati bħala ħatja ta' ingratitudni lejh. Azzjoni bħal din biex tirnexxi, trid titressaq fi żmien sena skont l-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** u ebda ksur jew sospensjoni ta' dan it-terminu ma huwa konċess.

49. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ l-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tal-ingratitudni ġiet rinunzjata mill-konvenuti għaliex dawn f'eċċezzjoni oħra ċaħdu li huma kienu ingrati lejn l-attur. B'kull rispett, ma jagħmilx sens legali li l-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni ma tistax titqajjem minn min ikun qiegħed jiċħad li kien ingrat; bħallikieku biex titqajjem l-eċċezzjoni tad-dekadenza mid-donatarju hemm bżonn li dan ikun qiegħed jaċċetta li kien ingrat lejn id-donatur.

50. Ma hemm xejn għalhekk inkompatibbli bejn l-eċċezzjoni tad-dekadenza u l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ingratitudni. Anzi dawn imorru tajjeb flimkien.

51. Fuq kollox u aktar importanti minn hekk, jidher li l-Ewwel Qorti ħarbilha l-fatt li t-terminu ta' sena msemmi fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** ma jiddependix fuq jekk id-donatarji jkunux aċċettaw jew le l-akkuża tal-ingratitudni miġjuba kontrihom. Bil-maqlub, dan it-terminu ta' sena skont kif imfisser fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili** jiddependi biss minn dakinhar li d-donatur jkun ġab dak il-fatt tal-ingratitudni kontra d-donatarju, jew inkella minn dakinhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt ta' ingratitudni.

52. Bħalma tajjeb jikteb il-**Professur V. Caruana Galizia** f'paġna 940 tan-***Notes on Law of Guarantees & Minor Contracts***:

> *«The right to revoke the donation is personal to the donor, and as already seen, is not available against the heirs of the donee* (ara **Artikolu 1790(2) tal-Kodiċi Ċivili**)*. It cannot be demanded by the donor against the heirs of the donee since such a demand would be beyond the scope of this benefit, which is the punishment of the donee. It cannot be demanded by the heirs of the donor against the donee since the failure of the donor to make the demand amounts to a tacit pardon which cannot be set aside by the heirs. For this reason revocation can be demanded by the heirs of the donor if the action has been commenced by the donor himself, or if the donor dies within a year from the day of the offence.* ***The donor's inaction for a period less than a year is not sufficient to amount to a pardon: and the commencement of an action by him is clear evidence that he did not intend to forgive the donee****.»*

53. Ladarba l-azzjoni għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni hija waħda personali għad-donatur, allura t-terminu ta' sena msemmi fl-Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddependi biss fuq l-imġieba tad-donatur u mhux fuq jekk id-donatarji jkunux aċċettaw jew le, li kienu ingrati lejn id-donatur tagħhom.

54. Għall-għanijiet tal-liġi, jekk id-donatur ma jmexxix bl-azzjoni tiegħu għat-tħassir ta' donazzjoni fi żmien sena minn meta jakkuża lid-donatarju b'ingratitudni jew minn meta huwa seta' jsir jaf b'dik l-ingratitudni, allura dan ikun ifisser li huwa jkun ħafer lid-donatarju u b'hekk jiġi li jitlef id-dritt tiegħu biex jitlob li tiġi mħassra d-donazzjoni.

55. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti dwar id-dekadenza tal-azzjoni tal-attur ma tista' qatt tiġi mwarrba minħabba dak li l-konvenuti appellanti qalu fit-tielet eċċezzjoni tagħhom. Jekk hemm bżonn jerġa' jiġi mtenni, dak li jħoll u jorbot għall-eċċezzjoni tad-dekadenza mhuwiex dak li jgħid id-donatarju dwar l-allegazzjoni tal-ingratitudni mressqa kontrih, iżda jekk id-donatur iressaqx il-kawża tiegħu fiż-żmien li tgħid il-liġi. Dan għaliex jekk id-donatur ma jressaqx il-kawża fi żmien sena huwa jitqies bil-liġi li jkun ħafer lid-donatarji tiegħu u b'hekk ikun irrinunzja għall-jedd tiegħu li jħassar id-donazzjoni.

56. It-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti għalhekk qiegħed jiġi milqugħ minħabba li t-tielet eċċezzjoni tar-risposta maħlufa ma tistax titqies li qatlet it-tieni eċċezzjoni.

57. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti fejn fih qegħdin jgħidu li l-azzjoni tal-attur ma saritx fi żmien li jgħid l-Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk il-każ tiegħu għandu jieqaf hawn.

58. L-Ewwel Qorti qalet li l-konvenuti ma stabbilewx id-data li minnha beda jitlaq it-terminu ta' dekadenza u għalhekk iddeċidiet li l-eċċezzjoni tad-dekadenza ma setgħetx tiġi milqugħa.

59. Il-konvenuti appellanti jilmentaw li dan ma hu veru xejn għaliex jgħidu li t-talbiet tal-attur biex jirċievi l-manteniment mingħandhom minħabba l-istat ta' saħħtu jew inkella jipproċedi biex jitlob it-tħassir tad-donazzjoni, kienu ilhom li saru bil-miktub sa mill-20 ta' Jannar 2020 u l-14 ta' Jannar, 2020. Din il-kawża iżda saret fis-7 ta' Ottubru, 2022 u għalhekk żmien sew wara li għalqet is-sena msemmija fl-Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuti appellanti jisħqu li dan kollu ġie kkonfermat mhux biss fir-rikors maħluf fejn ġiet mehmuża din il-korrispondenza, iżda

ġiet imtennija mill-attur waqt ix-xhieda tiegħu tal-31 ta' Jannar, 2023 fejn għal darba darbtejn huwa kkonferma li huwa talab għal għajnuna mingħand il-konvenuti għal żmien aktar minn sena qabel ma fetaħ il-kawża.

60. Min-naħa tiegħu l-attur appellat iwieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid li l-oneru tal-prova tal-eċċezzjoni tad-dekadenza tmiss lill-konvenuti li qajmuha u li t-terminu ta' sena msemmi fil-liġi jiddependi minn meta l-attur sar jaf bl-ingratitudni.

61. Din il-Qorti tqis li qiegħed jgħid sew l-attur appellat fit-tweġiba tiegħu, li ż-żmien ta' sena msemmi fl-Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddependi fuq dak li jaħseb id-donatur. Fil-fatt il-liġi tgħid li s-sena biex donatur jipproċedi bit-tħassir tad-donazzjoni minħabba ingratitudni għandha titlaq jew minn dakinhar li d-donatur jakkuża lid-donatarju b'ingratitudni jew inkella minn meta huwa seta' jsir jaf b'dak il-fatt ta' ingratitudni. Fejn iżda jgħid ħażin l-attur appellat huwa li ladarba l-konvenuti xehdu li huma qatt ma ċaħdulu l-għajnuna, allura ma setax jitlaq it-terminu ta' sena. Dan għaliex it-terminu ta' sena huwa suġġett għal dak li jemmen id-donatur u mhux għal dak li jsostni d-donatarju.

62. F'dan il-każ l-attur bħala donatur jemmen li l-konvenuti kienu ingrati lejh. Għalhekk it-terminu ta' dekadenza ma jiddependix fuq jekk il-konvenuti bħala donatarji jaqblux jew le mal-allegazzjoni tiegħu li huma kienu ingrati lejh, iżda jiddependi biss fuq meta l-attur ġab il-fatt tal-ingratitudni kontra l-konvenuti jew minn meta l-attur seta' jsir jaf b'dik l-ingratitudni.

63. Kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Maria Debono v. Michelina Apap et*** deċiża fid-29 ta' Novembru, 2013, l-interpretazzjoni korretta hija illi kull att, jew fatt kif issejjaħlu l-liġi, ta' ingratitudni, jagħti kawża għal azzjoni għat-tħassir tad-donazzjoni, u l-għeluq ta' sena jwaqqa' l-azzjoni dwar dak il-fatt partikolari iżda mhux dwar kull fatt ieħor li jseħħ wara.

64. Fil-każ tagħna, din il-Qorti taqbel mal-konvenuti appellanti li r-raġuni ta' ingratitudni msemmija mill-attur hija msejsa fuq fatt wieħed, *viz*. li huwa jrid manteniment minħabba saħħtu.

65. B'ittra tal-14 ta' Jannar, 2021 (ara paġna 20 tal-atti tal-kawża) l-attur hedded lill-konvenuti permezz ta' avukata mqabbda minnu, li jekk huma ma kinux ħa jgħinuh finanzjarjament huwa kien ser jipproċedi biex jitlob li tinbiegħ il-*penthouse* u tiġi revokata d-donazzjoni. Din il-Qorti tifhem li biex l-attur wasal biex iqabbad avukata sabiex f'ismu tikteb lill-

uliedu l-konvenuti b'dan il-mod, allura dan bilfors kien ifisser li huwa kien qiegħed iħoss ġewwa fih, li l-konvenuti ma kinux qegħdin iroddulu ħajr ta' dak li għamel magħhom bid-donazzjoni.

66. Din il-Qorti tqis li minn din l-ittra tal-14 ta' Jannar, 2021 telaq l-arloġġ tad-dekadenza għall-għanijiet tal-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Dan għaliex b'din l-ittra l-attur ġab il-fatt tal-ingratitudni kontra l-konvenuti, tant li huwa wissihom li jekk huma ma kinux ħa joqogħdu għat-talba tiegħu biex jgħinuh finanzjarjament huwa kien lest li jissokta bit-tħassir tad-donazzjoni.

67. Il-kawża tal-lum għat-tħassir tad-donazzjoni nfetħet fis-7 ta' Ottubru, 2022, jiġifieri aktar minn sena u nofs wara li huwa kien bagħat l-ittra tal-14 ta' Jannar, 2021. Jiġi b'hekk li l-konvenuti appellanti għandhom raġun jgħidu fit-tieni eċċezzjoni tagħhom li din l-azzjoni tal-attur ma tistax titkompla minħabba l-għeluq ta' sena msemmija fl-**Artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

68. It-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti għalhekk qiegħed jiġi milqugħ ukoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tilqa'**</u> l-

appell imressaq mill-konvenuti aħwa Muscat, tħassar b'hekk is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li l-attur Joseph Muscat ma jistax jissokta b'din il-kawża minħabba li naqas milli jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien mogħti lilu bil-liġi u teħles għaldaqstant lill-konvenuti u lill-imsejħa fil-kawża milli jibqgħu aktar fil-kawża.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-attur; filwaqt li l-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu hekk: żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur u terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuti aħwa Muscat għaliex l-ewwel aggravju tagħhom kien ħażin.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da